ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 25/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 22 ta' Frar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fid-9:45hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier*** *(permezz ta' videocall)*

Cody Galea ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 24

25.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 24 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. *SPI*/SCI/3/2021 dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

25.3.1.1 Is-Sindku spjega li din l-iskema kulturali qed terġa' tiġi varata biex tassisti l-Kunsilli Lokali f'attivitajiet kulturali u ser tkopri l-attivitajiet li ser isiru matul is-sena.

25.3.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Dipartiment kien ħareġ kjarifika fejn informa lill-Kunsilli Lokali li s-sena ta' perjodu tal-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet kulturali ġiet emendata u ħa tibda tgħodd minn meta d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jirrevoka d-direttiva tal-attivitajiet tal-massa. L-applikazzjoni għandhom jiġu sottomessi sa nhar il-Ġimgħa 2 ta' April, 2021.

25.3.1.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u ġie deċiż li jsiru żewġ applikazzjonijiet waħda għall-Irkottafest u l-oħra għall-Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

25.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Talba għall-Fond ta' Aġġustament għas-sena 2021.

25.3.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-fond tal-aġġustament tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop huwa ta' €3,000 u l-Kunsill irid jagħmel applikazzjoni għal tali fond u jispjega fejn ser jintużaw dawn il-fondi. Jekk dan ma jsirx, il-Kunsill ma jingħatax dawn il-fondi.

25.3.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-fond u ġie deċiż li ssir applikazzjoni fejn il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment li l-Kunsill ser juża dan il-fond biex isir tisbieħ fi Ġnien Rousset, fejn ser isir tibdil ta' bankijiet u bins biex din l-*area* tissebbaħ b'risq ir-residenti ta' Ħal Kirkop.

25.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Perit kien infurmana li fir-rigward tal-arbli ta' fuq il-bejt kien hemm problema minħabba li s-saqaf huwa tal-planki u mhux tal-konkos.

25.3.3.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Perit ser jara jekk hux possibbli li jsiru sett ta' travi fuq il-bejt biex l-arblu jintrabat miegħu.

25.3.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu lill-Perit li sa nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar, 2021 jagħtina risposta finali.

25.3.3.3 Is-Sindku qal ukoll li l-Perit kien ġie jara l-grada tal-Kunsill biex meta jgħaddi ż-żmien stipulat mill-ħruġ tal-permess ikunu jistgħu jibdew il-proċeduri biex jibda x-xogħol. Apparti hekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-stimi għall-grada biex il-Perit ikollu wkoll l-ispeċifikazzjonijiet tagħha biex ikun jista' jitkellem mal-bennej.

25.3.3.4 Is-Sindku qal ukoll li fir-rigward ta' Sqaq San Nikola, il-Perit infurmana li ittieħed *survey* u għaldaqstant malli jirċievi r-riżultat tas-*survey* ser ikun qed jaħdem il-livelli u ssir l-istima.

25.3.3.5 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu lill-Perit li sa nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Frar, 2021 jagħtina risposta finali.

25.3.3.6 Apparti hekk il-Kunsill staqsa lill-Perit dwar il-bini ta' struttura fil-bitħa li tista' tiżżarma biex tkun tista' tintrefa' l-għodda fiha.

25.3.3.7 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu lill-Perit biex jgħidilna x'jista' jsir u liema applikazzjoni għandha tintalab lill-Awtorità tal-Ippjanar.

25.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand il-Perita li qed tieħu ħsieb l-applikazzjoni għar-restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-Arkata mhijiex propjetà tad-Dipartiment tal-Artijiet iżda propjetà ta' terzi.

25.3.4.1 Is-Sindku qal li hu kien sorpriż ħafna b'din il-korrispondenza għax ma jistax jifhem kif wirt storiku ta' din ix-xorta jista' jkun tal-privat. Hu qal li minn informazzjoni li għandu, din l-art kienet tal-Joint Office u l-artijiet kollha tal-Joint Office kienu saru tad-Dipartiment tal-Artijiet. Hu qal li talab lill-Perita biex titlob lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jagħtiha l-informazzjoni dwar ta' min hi l-Arkata ta' San Ġakbu.

25.3.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li s-Sindku ser jagħmel pressjoni biex jieħu risposta mingħand id-Dipartiment tar-Restawr sa nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar, 2021. Jekk sa l-Erbgħa ma jkollnix risposta, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel pressjoni anke mal-Ministri konċernati u jagħti ġimgħa ċans biex ikollna risposta. Jekk il-Kunsill jibqa' bla risposta ser tintalab l-għajnuna tal-pubbliku fuq il-paġna ta' *facebook*.

25.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta rigward restrizzjonijiet fuq tabelli ta' lqugħ.

25.3.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li peress li l-Kunsill kien qabel li fil-kantunieri perikolużi kien ser jagħmel struttura tal-ħadid biex jitnaqqas il-periklu, il-Kunsill kien talab kjarifika dwar dan lil Transport Malta.

25.3.5.2 Is-Sindku qal li Transport Malta kienu talbu lill-Kunsill biex jagħmel applikazzjoni separata għal kull post fejn ser jitwaħħlu dawn il-barrikati.

25.3.5.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu ħejja lista u mmarka fuq *site plan* il-postijiet fejn hemm bżonn li jeħlu tali barrikati.

25.3.5.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex l-ewwel tipprepara l-applikazzjonijiet għal Triq San Remiġ u Triq Danny Cremona, biex jintbgħatu lill-Transport Malta għall-approvazzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

25.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar rigward Skema ta' Għajnuna għal-Libreriji fir-Reġjun 2021.

25.3.6.1 Din l-iskema tikkonsisti f'€500 lil kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun Nofsinhar biex jintużaw fil-libreriji pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali. Il-proposti dwar kif ser jiġu utilizzati dawn il-fondi għandhom jaslu għand ir-Reġjun Nofsinhar sat-30 ta' April, 2021.

25.3.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu ser jagħmlu żjara fil-librerija biex jaraw f'hiex l-aħjar li jintefqu dawn il-fondi.

25.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-Reġjun Nofsinhar kien informa lill-Kunsill li l-ħruġ tat-tender għall-ġbir ta' skart, il-koordinament tas-sistema tal-ġbir u l-koordinament mal-entitajiet fuq it-tfassil tal-istrateġija Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Iskart se jkunu qed isiru mir-Reġjun.

25.3.7.1 Is-Sindku kompla jgħid li r-Reġjun kien għamilha ċara li kull Kunsill irid ikollu *Contracts Manager* minħabba li għad-diskussjonijiet dwar dan it-tender il-Kunsilli ser ikunu rappreżentati mill-*Contracts Manager*.

25.3.7.2 Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop mhux ser jibqa' mar-Reġjun Nofsinhar, inħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Punent, li ser tkun qed tikkordina x-xogħol ta' dan ir-Reġjun il-ġdid.

25.3.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qalu li ser ikunu qed jistennew biex jaraw kif ser titħaddem din is-sistema għax kif kien għaddej ix-xogħol il-Kunsill kien qed jaħdem tajjeb ħafna.

25.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar rigward il-proċess ta' bidla fil-Kunsilli Reġjonali u skemi ta' fondi.

25.3.8.1 Is-Sindku spjega li peress li ser ikun hemm bidla fir-Reġjuni ser ikun hemm taħdidiet biex din it-tranżizzjoni timxi b'mod tajjeb bl-inqas impatt possibbli.

25.3.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li r-Reġjun Nofsinhar kien qed iħeġġeġ lil Kunsilli biex japplikaw għall-fondi maħruġa mid-Dipartiment fejn fakkar ukoll li r-Reġjun ser ikun qed jingaġġa persuni kwalifikati biex jgħinu l-Kunsilli fil-mili ta' applikazzjonijiet għal dawn l-iskemi.

25.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Ispettur tal-Pulizija kienet talbet skuża dwar il-knaċellament tal-laqgħa fl-aħħar ħin, liema laqgħa kellha ssir fil-15 ta' Frar.

25.3.9.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Ispettur kienet talbet lill-Kunsill biex tinstab data alternattiva.

25.3.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li jagħtu data oħra biex tkun tista' ssir din il-laqgħa. Kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar, 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Ispettura b'din id-data.

25.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti minuta 24.3.13, il-Kunsill kien ġab stimi biex isir *upgrade* tas-sistema tal-alarm tal-Kunsill.

25.3.10.1 Il-Kunsilliera raw dawn l-istimi u qablu li l-Kunsill imur għall-orħos offerta.

25.3.10.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni biex isir ix-xogħol ta' *upgrade* tas-sistema tal-alarm tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

25.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien iltaqa' ma' rappreżentanti tal-LESA rigward il-problema ta' pparkjar ta' *coaches* fi Triq San Ġwann. Dawn il-*coaches* qed jagħlqu l-aċċess tat-triq u l-karozzi qed jispiċċaw jgħaddu fuq il-karreġġjata l-oħra bil-konsegwenza li qed nistennew li jsir xi aċċident ikraħ.

25.3.11.1 Is-Sindku kompla jgħid li kif ġie diskuss, il-Kunsill kien talab l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex l-ewwel parti ta' Triq San Ġwann, in-naħa tal-Kulleġġ fejn hemm il-*parking bays* isir *'No Parking for Coaches'* u l-parti ta' fuq fejn ma hemmx parkeġġ isir *double yellow line* u tabelli *'No Parking'*.

25.3.11.2 Is-Sindku spjega li Transport Malta kienet talbitu jivverifika dwar dawn il-*coaches* biex jaraw jekk dawn humiex tal-iskejjel ta' Ħal Kirkop u hu kien wieġeb li l-Kunsill kien diġa għamel il-verifika kollha meħtieġa, tkellem mal-LESA u mal-Pulizija qabel intalbet din l-approvazzjoni.

25.3.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm dħalna għal-laqgħa, l-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta minn Transport Malta.

25.3.11.4 Is-Sindku Terence Agius qal li illum ser ikun qed jibgħat *reminder* dwar dan u jekk sa nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar mhux ser ikollu risposta, ser ikun qed jikkopja lill-Ministru kkonċernat.

25.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema ta' finanzjament għall-proġett ta' 'Installazzjoni ta' Lift fl-*observation area* fi Triq l-Industrija għal aktar aċċessibilità u mobbiltà għall-persuni b'diżabilità'.

25.3.12.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill intalab jikkonferma li dan il-proġett ma kiseb ebda finanzjament ieħor apparti din l-iskema mhux fl-aħħar tlett snin biss, iżda fl-imgħoddi u kif ukoll fil-ġejjieni.

25.3.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lura fl-2010 il-Kunsill kien ħa fondi biex isir tisbiħ fl-*observation area*. Apparti hekk il-Kunsill kien għaddej f'diskussjonijiet mal-Parks biex isir proġett ta' tisbieħ tal-*observation area.* Biss din l-applikazzjoni saret biex isir lift biex jagħmel il-planka, li tintuża biex jieħdu r-ritratti minn fuqha, aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u għaldaqstant il-Kunsill seta' japplika għax qatt ma kiseb finanzjament għall-proġett ta' lift.

25.3.12.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lid-Dipartiment li dan il-proġett tal-lift huwa proġett ġdid u għaldaqstant qatt ma bbenifika minn l-ebda skema.

25.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wara l-laqgħa u l-korrispondenza li kienet għaddiet bejn il-Kunsill u l-Kumitat Ismijiet tat-Toroq rigward ir-reġistru tal-indirizzi, il-Kunsill kien ġie infurmat li l-blokok tal-Gvern u l-garaxxijiet bla numru fi Triq Tal-Fieres għandu jkollhom numru ġdid.

25.3.13.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kumitat Ismijiet tat-Toroq kien qed jitlob lill-Kunsill biex dik il-parti ta' Triq il-Fieres tingħata isem ġdid u għaldaqstant il-bqija ta' Triq Tal-Fieres ma jkollhomx għalfejn jibdlu n-numru tal-bieb.

25.3.13.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din il-parti ta' Triq Tal-Fieres tissemma' Triq in-Niċċa tal-Madonna.

25.3.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li apparti hekk kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti minuta 24.9.5, il-Kunsilliera kellhom jagħtu proposti għall-isem tat-Triq Ġdida fi Triq Taż-Żebbiegħ.

25.3.13.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li Triq Ġdida fi Triq Taż-Żebbiegħ tissemma' Triq il-Ħajt Tal-Matla.

25.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *reminder* rigward il-korrispondenza mingħand Ambjent Malta rigward laqgħat li jixtiequ li jsiru mal-Kunsilli Lokali dwar l-ambizzjonijiet tal-Kunsill fejn jidħlu proġetti ambjentali u ssir ħidma konġunta biex isir pjan ħolistiku għall-pajjiż kollu.

25.3.14.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa lis-Sindku jekk kienx ħadem fuq l-i*sketch* tal-*area* fi Triq ir-Ramlija kif diskuss fil-laqgħa preċedenti minuta 24.3.11.1, għax hu jaħseb li dan jista' jkun proġett tajjeb li jista' jiġi diskuss ma' Amjent Malta.

25.3.14.2 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien għadu qed jaħdem fuq dan l-isketch u għaldaqstant talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-Ambjent Malta li l-Kunsill ma għandux *areas* kbar li jistgħu jiġu żviluppati iżda għandu *soft areas* li jistgħu jiddiskutu dwarhom. Il-Kunsill għandu jistaqsi jekk dan jaqgħax fil-kriterji tagħhom u jekk iva nistgħu nipproċedu biex niltaqgħu magħhom.

25.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-'Earth Hour 60+ 2021'.

25.3.15.1 Dan l-avveniment joħloq kuxjenza fuq problemi ambjentali u bħala ġest simboliku normalment l-avveniment jinkludi tifi ta' dawl ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi bejn it-20:30hrs u d-21:30hrs nhar is-Sibt, 27 ta' Marzu, 2021.

25.3.15.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsilli huma mħeġġa jipparteċiaw billi jintfew xi dwal ta' xi pjazez, ristoranti jew ħwienet f'din is-siegħa fil-lokalità.

25.3.15.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ġie deċiż li l-Kunsill jitfi l-faċċata tal-Kunsill.

25.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Aġenzija Żgħażagħ rigward laqgħa li xtaqu jagħmlu mal-Kunsill u mal-i*stakeholders* li jaħdmu maż-żgħażagħ, dwar servizzi għaż-żgħażagħ fil-komunità.

25.3.16.1 Il-Kunsillier Cody Galea ser ikun qed jara din il-korrispondenza u jitkellem magħhom fuq dan ir-rigward.

25.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva stima dwar pots, bins, bankijiet biex jiġu nstallati fl-*area* tal-Uffiċċju tal-Kunsill u l-Iskola Primarja.

25.3.17.1 Il-Kunsilliera raw din l-istima u ġie deċiż li jiġu ordnati żewġ bins, żewġ bankijiet u żewġ pots.

25.3.17.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jiġu ordnati żewġ bins, żewġ bankijiet u żewġ pots biex jiġu nstallati fl-*area* tal-Uffiċċju tal-Kunsill u l-Iskola Primarja, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

25.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li b'referenza għall-minuta 25.3.19, skont l-emendi fl-Att dwar il-Kunsill Lokali, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma hemmx għalfejn li jiġi nominat kull tlett xhur u għaldaqstant il-persuna tibqa' maħtura sakemm ma turix ix-xewqa li ma tibqax jew il-Kunsill jidhirlu li jrid li din tinbidel.

25.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wara li kien ra l-istimi riċevuti dwar l-ikel tal-qtates u tkellem ukoll mal-*feeders* biex jara l-kwalità ta' dan l-ikel, kienet ser issir ordni għall-ewwel lot ta' ikel.

25.3.19.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-ikel ser jinġieb il-Kunsill u l-*feeders* ikunu nfurmati biex jiġu għalih il-Kunsill. Kull *feeder* ser jingħata ikel skont kemm iddikjara li jagħlef qtates.

25.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fil-kotba tal-Kunsill kien hemm żewġ ammonti li kellhom jiġu *written-off*. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tispjega dan.

25.3.20.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wieħed mill-ammonti huwa ta' €50 li l-Kunsill kellu jirċievi mingħand Melita plc, liema bilanċ ilu ġej mis-sena 2013 u jidher li mhux ser jinġabar.

25.3.20.2 Apparti dan l-ammont, il-kotba kienu qed juru bilanċ ta' €16.31 li kellu jinġabar mingħand ir-Reġjun Ċentru. Dan il-bilanċ ma nistgħux insibu minn fejn ġej u meta saret verifika mar-Reġjun ma jidhirx li hemm bilanċ pendenti.

25.3.20.3 Għaldaqstant dawn iż-żewġ ammonti tneħħew mill-kotba tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

25.3.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien tkellem mal-Perit Matthew Briffa minn Infrastracture Malta rigward ix-xogħol ta' tarmak fi Triq il-Kbira, biex jara meta din ser issir.

25.3.21.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Perit kien infurmah li għalissa ma hemmx data u bħalissa għandhom ħafna xogħol. Hu qal li kien talab lill-Perit biex meta ssir Triq il-Kbira, issir ukoll Triq Valletta il-parti li tidħol għal Triq il-Kbira.

25.3.21.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar talab lis-Sindku biex jitlob l-iskedar ta' dawn it-toroq u meta dawn ser isiru.

25.3.21.3 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu qed iħoss li l-Kunsill qed jiġi mgħoddi biż-żmien u l-Kunsill hemm bżonn jieħu *stand* għax ir-residenti qed iwaħħlu fil-Kunsill.

25.3.21.4 Il-Kunsillier Ritienne Caruana talbet biex tiġi skużata peress li kellha laqgħa oħra. Il-ħin f'dan l-istadju kien 12:45hrs.

25.3.21.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu ser ikun qed jibgħat *email* lill-Infrastracture Malta biex ix-xogħol fi Triq il-Kbira u Triq Valletta isir minn kuntrattur wieħed u jagħtina pjan meta dan ser jibda.

25.3.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu ilu ħafna jipprova jitkellem mal-Perit David Vassallo minn Infrastracture Malta rigward ix-xogħol fi Triq San Pietru u Triq Valletta.

25.3.22.1 Is-Sindku spejga li peress li baqa' ma kellux tweġiba hu mar personalment Infrastracture Malta u tkellem mal-Perit, li minn naħa tiegħu qallu li ma għandux riżorsi biex jaħdem fuq il-pjanti ta' dawn it-toroq.

25.3.22.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-Perit kellu jibgħat jinforma lill-Kunsill b'dan kollu. Sakemm dħalna għal-laqgħa, l-Kunsill ma kien irċieva xejn.

25.3.22.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu *stand* għax Hal Kirkop ma jistax jibqa' jistenna.

25.3.22.4 Il-Kunsilliera qablu li jekk il-Kunsill ma jkollux konferma bil-miktub li x-xogħol ser jibda kif stipulat, jiġifieri f'nofs Marzu 2021, il-Kunsill kien ser joħroġ stqarrija għall-istampa biex jipproteġi l-pożizzjoni tiegħu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

25.3.22.5 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn nagħtu aktar importanza u nuru li dak li qed jipproponu l-Kunsilliera qed isir. Kulħadd għandu jieħu l-mertu ta' dak li jkun ippropona.

25.3.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien iltaqa' ma Inġinier rigward is-sitwazzjoni ta' Pjazza Żerniq.

25.3.23.1 Is-Sindku qal li hemm problemi minħabba li d-dawl qiegħed taħt l-art u hemm ukoll affarijiet li jridu jinbidlu biex din is-sistema tirranġa. Is-Sindku kompla jgħid li dan l-Inġinier ikun lest li jerfa' r-responsabilità għal 10 snin jekk kollox jiġi rranġat kif inhu meħtieġ.

25.3.23.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa jekk il-Kunsill jistax iħalli xi affarijiet li diġa' hemm jew inkella jridx li jinbeda kollox mill-ġdid.

25.3.23.3 Is-Sindku qal li ser jerġa' jitkellem mal-Inġinier biex jgħidlu eżatt x'hemm bżonn isir biex is-sistema tkun iċċertifikata tajba mingħajr ma jkun hemm spejjeż kbar.

25.3.24 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-12:55hrs.

## 25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

25.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju peress li hu xtaq jitkellem dwar l-i*sketch* tal-*area* fi Triq ir-Ramlija u din kienet ġiet diskussa aktar kmieni fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

25.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa x'kien sar dwar is-CCTVs.

25.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius wieġeb li s-CCTV ta' Triq ir-Ramlija kienet twaħħlet u kien qed jiddiskuti mal-kuntrattur u d-Data Protection Officer dwar is-CCTV ta' Misraħ San Leonardu. Apparti dawn hemm bżonn ukoll li jinbidlu erba' *cameras* fi Pjazza Żerniq.

25.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar is-*sleeping police* ta' Triq Dun Ġużepp Barbara.

25.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien talab l-approvazzjoni ta' Transport Malta u kien qed jistenna risposta. Il-Kunsill ser ikun qed jibgħat *reminder* dwar dan.

25.4.4 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar jekk kien hemm feedback dwar l-għotjin tal-ħadid għat-toqob tan-nar tal-art, kif kien diskuss f'laqgħat preċedenti.

25.4.4.1 Is-Sindku qal li kien ġabar l-informazzjoni mitluba u kien ser jitkellem mal-Kunsillier Cody Galea biex jaħdmu l-prezz għal kull toqba biex ikunu jistgħu jippreżentaw it-totali fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 25.5 Rapport tal-Ilmenti

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 25.6 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-Sena '20

25.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Estimi Finanzjarji Annwali finali għas-sena 2021.

25.6.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali finali għas-sena 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 25.7 Vakanza għall-Ġardinar *Full-Time*

25.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kellu bżonn li jimpjega Ġardinar *Full-Time* biex jieħu ħsieb il-ġonna u s-*soft areas* kollha ta' Ħal Kirkop. Apparti hekk il-persuna li ser tiġi impjegata trid ukoll tkun tagħmel xogħol ta' manutenzjoni ieħor li l-Kunsill ikollu bżonn minn żmien għal żmien.

25.7.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan u qablu mas-Sindku li l-Kunsill kellu bżonn persuna *Full-Time* biex jagħmel dan ix-xogħol.

25.7.3 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob il-permess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' joħroġ din l-applikazzjoni.

25.7.4 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jintalab il-permess biex tkun tista' tinħareġ vakanza għall-Ġardinar *Full-Time* mal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 25.8 Ħruġ għall-Sejħa għall-Offerti – Knis tat-Toroq

25.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Knis tat-Toroq kien ser jiskadi fil-31 ta' Lulju, 2021 u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida.

25.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-persuna li kien jieħu ħsieb jipprepara d-dokumenti tal-offerti ma kienx għadu jagħmel dan ix-xogħol u għaldaqstant kienet iċċekjat ma persuna oħra.

25.8.3 Il-Kunsilliera preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem ma' din il-persuna biex tieħu ħsieb tipprepara d-dokument tat-tender biex ikun jista' jinħareġ.

25.8.4 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jinħareġ *tender* dwar Knis ta' Toroq, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

25.8.5 Fuq l-istess suġġett, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex ix-xogħol tat-*tender* tal-Knis ta' Toroq isir minn Boom Consultancy Ltd., liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 25.9 Ħruġ għall-Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

25.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-manutenzjoni tat-Tabelli u s-Sinjali tat-Traffiku kien ser jiskadi fil-31 ta' Lulju, 2021 u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida.

25.9.2 Kif spjegat f'minuta 25.8.2, il-persuna li kien jieħu ħsieb jipprepara d-dokumenti tal-offerti ma kienx għadu jagħmel dan ix-xogħol u għaldaqstant kienet iċċekjat ma persuna oħra.

25.9.3 Il-Kunsilliera reġgħu ikkonfermaw dak li qalu f'minuta 25.8.3.

25.9.4 Għaldaqstant il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex jinħareġ *tender* dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

25.9.5 Fuq l-istess suġġett, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex ix-xogħol tat-*tender* dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku jsir minn Boom Consultancy Ltd., liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 25.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

25.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 111 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

25.10.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 111 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 25.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

25.11.2 Minħabba li kien aktar komdu minħabba x-xogħol tagħhom, il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa ta' Marzu ssir fit-15:00hrs.

25.11.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-laqgħa ta' Marzu ssir fit-15:00hrs, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

25.11.4 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu, 2021 fit-15:00hrs.

25.11.5 Il-laqgħa ntemmet fis-13:30hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 23 ta' Marzu, 2021

**Mozzjoni Ref:** 134/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 24.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 135/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni biex isir ix-xogħol ta' *upgrade* tas-sistema tal-alarm tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 136/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu ordnati żewġ bins, żewġ bankijiet u żewġ pots biex jiġu nstallati fl-*area* tal-Uffiċċju tal-Kunsill u l-Iskola Primarja.

| ___________________ | ___________________ |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 137/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 138/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali finali għas-sena 2021.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 139/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jintalab il-permess biex tkun tista' tinħareġ vakanza għall-Ġardinar *Full-Time* mal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Terence Agius | **Sekondant**<br>John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 140/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jinħareġ *tender* dwar Knis ta' Toroq.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 141/21/9

**Mozzjoni:**

Biex ix-xogħol tat-*tender* tal-Knis ta' Toroq isir minn Boom Consultancy Ltd.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 142/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jinħareġ *tender* dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 143/21/9

**Mozzjoni:**

Biex ix-xogħol tat-*tender* dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku jsir minn Boom Consultancy Ltd.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 144/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 111.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 145/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-laqgħa ta' Marzu ssir fit-15:00hrs.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**